

Brussell, 15 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11257/19

ELARG 35
CFSP/PESC 603
RELEX 726
NT 7

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' Lulju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11173/19	
Suġġett:	Attivitajiet ta' tħaffir tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran
	– Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-attivitajiet ta' tħaffir tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fil-15 ta' Lulju 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ATTIVITAJIET TA' TĦAFFIR TAT-TURKIJA
FIL-LVANT TAL-MEDITERRAN**

1. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2019 u konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew, partikolarment dawk tal-20 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill jikkundanna l-fatt li, minkejja l-appelli ripetuti tal-Unjoni Ewropea biex twaqqaf l-attivitajiet illegali tagħha fil-Lvant tal-Mediterran, it-Turkija kompliet l-operazzjonijiet ta' tħaffir tagħna lil hinn mill-kosta tal-punent ta' Ċipru u nediet it-tieni operazzjoni ta' tħaffir lil hinn mill-grigal ta' Ċipru fl-ilmijiet territorjali Ċiprijotti. Il-Kunsill itenni l-impatt negattiv immedjat serju ta' dawn l-azzjonijiet illegali fuq il-firxa kollha tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija. Il-Kunsill jerġa' jappella lit-Turkija biex toqgħod lura minn azzjonijiet bħal dawn, taġixxi fi spirtu ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u tirrispetta s-sovranià u d-drittijiet sovrani ta' Ċipru f'konformità mad-dritt internazzjonali.
2. Il-Kunsill, filwaqt li jilqa' l-istedina mill-Gvern ta' Ċipru biex jinnegozja mat-Turkija, jinnota li d-delimitazzjoni taż-żoni ekonomiċi esklużivi u l-blata kontinentali għandha tiġi indirizzata permezz ta' djalogu u negozjati b'rieda tajba, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u f'konformità mal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.
3. L-UE tibqa' impenjata għalkollox li tappoġġa l-isforzi mmexxija min-NU biex taħdem mal-partijiet bil-għan li jinħolqu l-kundizzjonijiet li jwasslu biex jissoktaw in-negozjati dwar soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar li għadu kruċjali li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi għal tali soluzzjoni, inkluż l-aspetti esterni tagħha, fil-qafas tan-NU f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU u skont il-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE u l-*acquis*.

4. Fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir illegali li qed ikomplu u daww ġodda, il-Kunsill qiegħed jiddeċiedi li jissospendi n-negozjati dwar il-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru u jaqbel li ma jorganizzax il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u laqgħat oħrajn tad-djalogi ta' livell għoli bejn l-UE u t-Turkija għalissa. Il-Kunsill japprova l-proposta tal-Kummissjoni li titnaqqas l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għat-Turkija għall-2020 u jistieden lill-Bank Ewropew ta' Investiment jirrieżamina l-attivitajiet ta' self tiegħu fit-Turkija, partikolarment b'rabta ma' self kopert minn bonds sovrani.
5. Il-Kunsill jibqa' jsegwi l-kwistjoni u, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Ġunju, jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex ikomplu l-ħidma fuq opzjonijiet għal miżuri mmirati fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mit-Turkija li għadhom għaddejjin fil-Lvant tal-Mediterran. Il-Kunsill ser jissorvelja l-iżviluppi mill-qrib u ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni meta jkun xieraq.
